MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2011

Mandat Numru. 1789/2011/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs**

**Marco Holdings Limited**
**(C – 13934)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-Bank fuq indikat datat id-19 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu r-rapprezentanti tal-istess Bank ikkonfermat bil-gurament sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-mandat t'inibizzjoni de quo intalab biex il-Bank rikorrenti jikkawtela l-kreditu tieghu kontra s-socjeta` ntimata fuq indikata;

2. Illi in oltre, l-istess socjeta` tigi inibita milli tbiegh, titrasferixxi jew b'xi mod tiddisponi bi kwalunkwe mezz kif indikat fl-istess rikors promotur kwalunkwe privilegg u/jew ipoteka u/jew jaghmel xi haga li tista` tikkostitwixxi lok ghal kostituzzjoni ta' privilegg u/jew ipoteka fil-proprjeta` hemm ukoll indikata;

Rat id-digriet taghha datat id-19 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu filwaqt li laqghet l-istess rikors provizorjament, appuntatu wkoll ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata u ordnat in-notifika lill-kontroparti skont il-ligi;

Rat in-notifika pozittiva tas-socjeta` ntimata;

Tirrileva li l-istess socjeta` ntimata la wiegbet ghar-rikors de quo u lanqas dehret biex b'xi mod tikkontestah nonostante li kienet giet debitament notifikata;

Ezaminat id-dokumenti esebiti seduta stante mill-Bank rikorrenti;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-Bank rikorrenti fir-rigward;

Stante li prima facie jista` jaghti l-kaz li d-drittijiet tal-Bank rikorrenti jistghu jigu ppregudikati irrimedjabbilment, tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti u konsegwentement, filwaqt li tirrevoka dik il-parti tad-digriet precedenti taghha datat id-19 ta' Dicembru, 2011, tordna li t-talba tar-rikorrenti tkun issa milqugha b'mod permanenti;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------